MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 605/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Benjamin Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Benjamin Farrugia ta' karta ta' identita' numru 375750(M), akkuzat talli:

1. fl-24 ta' April 2003 u fis-sena ta' qabel f'barriera fil-limiti ta' 'Ta' Kandja', ippermetta li jsir manifattura ta' xoghlijiet tan-nar meta dan il-post mhux illicenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-ghan bi ksur ta' l-Artikolu3(2) tal-Ordinanza dwar l-esplosivi, Kap 33;

2. minghajr licenzja tal-pulizija, zamm post li jkun taht idejh, jew garr minn post ghal iehor, akkont tieghu jew ta' haddiehor, porvli ta' l-isparar jew espolsivi ohra fi kwantitajiet akbar minn hames kilogrammi u izda wkoll fil-kaz ta' dinamite u sustanzi ohra li jkollhom bhala bazi n-nitroglicerina, fulminanti, jew il-klurat tal-putassa, l-licenzja hija dejjem mehtiega sabiex tinzamm jew tingarr kull kwantita' li tkun, ghalkemm zghira, bi ksur ta' l-Artikolu 16 tal-istess Ordinanza u tal-Artikolu 4 tar-Regolamenti tal-1998 dwar kontroll ta' xoghlijiet tan-nar u esplosivi ohra (A.L 243 tal-1998);
3. fl-istess jum, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Godwin Debono minn Birkirkara, bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. bhala bniedem illicenzjat fil-kategorija A u li lilu jigi mibjugha jew ikkunsinnati esplozivi bis-sahha tal-permess hawn fuq imsemmi, naqas li jiehu hsieb, ma jhallix persuni ohra jersqu lejn dawn l-esplozivi, u ma setghax ibigh, iccedi jew jikkunsinna dawk l-espolzivi minghajr licenzja tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat r-rinviju tal-Avukat Generali fil-waqt li rrinvija l-atti quddiem din il-Qorti sabiex ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati l-imputat jigi gudikat minnha fin-nuqqas ta' opposizzjoni tal-istess imputat;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li ma kellhux aktar provi x'jipproduci;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi diretti kontra l-imputat, ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali, huma dawk ta' omicidju involontarju previst fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u wkoll f'offizi relatati mal-Kap 33 (Ordinanza dwar l-Esplossivi).

Illi l-akkuzi huma relatati ma splussjoni li grat fl-24 ta' April 2003 f'barriera limiti Ta' Kandja fl-liema splussjoni tilfet hajjieta persuna bl-isem ta' Godwin Debono. Huwa assodat mill-provi li f'din il-barriera, precisament fil-kmamar li kienu fiha, kien qieghed jigi mmanufatturat xoghol tan-nar u gie wkoll ampjament pruvat li l-manufattura kienet qeghdha issir abusivament stante li ma kien hemm l-ebda licenzja mill-pulizija li kienet tawtorizza tali manufattura jew wkoll l-magazzinag ta' splossivi ghal fini ta' manufatturar ta' xoghlijiet tan-nar.

Issa l-ezitu tal-kawza dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat hi dipendenti mill-konnessjonijiet tieghu mal-kmamar gja esistenti fil-barriera li gew kompletament distrutti bl-esplossjoni u dak li kien qieghed jsir vis-à-vis manufatturar ta' xoghlijiet tan-nar f'dawn il-kmamar. Mhux kontestat hawnhekk li l-barriera, u ergo l-kmamar, huma proprjeta' tal-familja tal-imputat li kellhu in via ta' kera titolu fuq l-imsemmija kmamar. Issa l-imputat jirrisulta li ghandu licenzja kategorija 'A' biex jahdem in-nar waqt li s-sinistrat kellhu licenzja 'B' li kienet allura tawtorizzah li jimmanifattura n-nar izda akkumpanjat u taht supervizzjoni ta' persuna titolari ta' licenzja 'A'.

Illi mill-kumpless tal-provi din il-Qorti waslet ghall-konvinciment li l-imputat mhux biss kien jaf li fil-kmamar fil-barriera kien qieghed jigi manufatturat xoghol tan-nar izda wkoll li dan ix-xoghol kien intiz ghal dak il-kazin li l-imputat kien wkoll jahdem ghalih xoghol tan-nar.

Illi ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju taht l-Artikolu 225 tal-Kap 9 hu mehtieg li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza) jew nuqqas ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti

specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kazwalita' minn event dannuz involontarju. Fil-kaz in ispecje din il-Qorti nisslet konvinciment li l-imputat mhux biss kien konsapevoli ta' x'kien isir, u sa hawnhekk il-provi huma cari, izda li kien wkoll partecipi fil-manufatturar tax-xoghol tan-nar f'dawn il-kmamar. L-imputat ghalhekk kien mhux biss partecipi f'att illegali stante li l-immanufatturar tax-xoghol tan-nar f'dak il-post ma kienx permess izda wkoll li bhala persuna awtorizzata permezz ta' licenzja kategorija 'A' kien fid-dmir li f'kull kaz jissorvelja l-manufatturar ta' sustanzi li per se kienu perikoluzi u kwindi kellu jew missu kellhu l-prevedibilita'.

Ghalhekk issibu hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti anke fil-konfront dawk li jaqaw taht l-Kap 33 li huma konsegwenzjali.

Rat l-Artikolu 225 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 3(2), 7(2), 16 tal-Kap 33, l-Artikolu 4 Avviz Legali 243/1998 u Artikolu 17 tal-Kap 9 u tikkundanna hames t'elef lira Maltin multa (Lm5,000).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------